# QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

## Nomina tal-Imħallef li jissostitwixxi l-President fil-kapaċità tiegħu bħala mħallef għal miżuri provviżorji

(2009/C 153/02)

Fis-16 ta' Ġunju 2009, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li tinnomina, skont l-Artikolu 106 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-Imħallef Papasavvas sabiex jissostitwixxi lill-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-każ ta' assenza jew ta' impediment bħala mħallef għal miżuri provviżorji għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010.

## Awla tal-Appell

(2009/C 153/03)

Fis-16 ta' Ġunju 2009, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Awla tal-Appell ser tkun komposta, għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2009 sal-31 ta' Awwissu 2010, mill-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza u, skont sistema ta' rotazzjoni, minn żewġ Presidenti ta' Awla.

L-Imħallfin li jippresjedu mal-President tal-Awla tal-Appell sabiex jintlaħaq il-kulleġġ estiż ta' ħames Imħallfin huma t-tliet imħallfin tal-kulleġġ li lilu tkun ġiet assenjata inizjalment il-kawża u, skont sistema ta' rotazzjoni, żewġ Presidenti ta' Awla.

## Kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli

(2009/C 153/04)

Fis-16 ta' Ġunju 2009, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet kif ġej il-kriterji għall-assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2009 sal-31 ta' Awwissu 2010, skont l-Artikolu 12 tar-Regoli tal-Proċedura:

1. L-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku huma assenjati, mill-preżentata tar-rikors, bla ħsara għal applikazzjoni ulterjuri tal-Artikoli 14 u 51 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-Awla tal-Appell.

2. Il-kawżi l-oħra li ma jaqgħux taħt il-paragrafu 1 huma assenjati, mill-preżentata tar-rikors u bla ħsara għal applikazzjoni ulterjuri tal-Artikoli 14 u 51 tar-Regoli tal-Proċedura, lill-awli komposti minn tliet Imħallfin.

   Il-kawżi li jaqgħu taħt dan il-paragrafu jitqassmu lill-awli skont tliet rotazzjonijiet differenti mfassla skond l-ordni ta' reġistrazzjoni tal-kawżi fir-Reġistru:

   — għall-kawżi li jirrigwardaw l-implementazzjoni ta' regoli ta' kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi, ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istati u ta' regoli dwar il-miżuri ta' difiża kummerċjali;

   — għall-kawżi li jirrigwardaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali msemmija fl-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura;

   — għall-kawżi kollha l-oħra.

   Fil-kuntest ta' dawn ir-rotazzjonijiet, iż-żewġ awli ppresjeduti minn tlieta komposti minn erba' Imħallfin jittieħdu inkunsiderazzjoni darbtejn meta sseħħ it-tielet rotazzjoni.

   Il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza jista' jidderoga minn dawn ir-rotazzjonijiet sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-konnessjoni ta' ċerti kawżi jew sabiex jiżgura li x-xogħol jiġi mqassam b'mod ibbilanċjat.